**8 ta' Ottubru, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin) (Manch) D.P.A. (Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Saviour Grech

## Importazzjoni Projbita

*Il-gambling machine ma kinitx importata quid unum bħala gambling machine ħaġa waħda iżda l-appellant kien ġieb minn barra minn Malta l-qalba u l-cabinet u l-aċċessorji l-oħra kollha kien qiegħed jimmontahom f'Malta minn materjal mixtri f'Malta u mingħajr xi restrizzjoni ta' l-importazzjoni. Jidher illi ma kienx hemm ir-rekwiżit essenajli ta' l-importazzjoni ta' l-oġġett.*

Il-Qorti: – Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-30 ta' Jannar, 1990 fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Spiridione Bugeja)

kontra Saviour Grech fuq l-imputazzjoni miġjuba mill-pulizija kontra l-imputat fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Saviour Grech;

*Omissis;*

Ittrattat ir-rikors ta' l-appell;

Ikkunsidrat illi biex l-imputazzjonijiet ta' l-artikoli 60(a)(b)(ċ) u 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 jirriżultaw irid ikun hemm bħala fatt l-importazzjoni. Issa f'dan il-każ irriżulta abbondantement mix-xhieda mismugħha illi din il-***gambling machine*** ma kinitx importata *quid unum* bħala *gambling machine* ħaġa waħda, iżda l-posizzjoni hi l-appellant jidher ċar illi huwa kien ġieb minn barra minn Malta il-qalba ta' din il-*gambling machine;* kien xtraha mill-esteru u daħħalha miegħu. Imma mbagħad il-*cabinet* u l-aċċessorji l-oħra kollha ta' din il-*gambling machine* kien qiegħed jimmontahom f'Malta minn materjal mixtri f'Malta u mingħajr xi restrizzjoni ta' l-importazzjoni jew kontroll għall-finijiet ta' l-Ordinanza tad-Dwana. Mela bħala *gambling machine* din ma ġietx importata fil-pajjiż. Konsegwentement jidher illi ma kienx hemm ir-rekwiżit essenzjali ta' l-importazzjoni ta' l-oġġett. Subordinament ikkunsidrat ukoll illi fil-proċess ma hawn l-ebda prova illi l-importazzjoni tal-qalba tal-*gambling machine* li importa kienet ipprojbita mil-liġi l-importazzjoni tagħha;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tifhem li għandha tilqa' l-appell

u tħassar is-sentenza appellata tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-30 ta' Jannar, 1990, fl-ismijiet il-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-30 ta' Jannar 1990, fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Spiridione Bugeja) kontra Saviour Grech, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.